**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur James Grech)**

**vs**

**Khaled Mahmoud S Abulkasem**

**Kumpilazzjoni numru 22/2016**

**Illum 5 ta' Dicembru, 2016**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Khaled Mahmoud S Abulkasem** detentur ta' passport Libjan nru. 545602, mahrug fi Tripoli nhar it-02.02.2011, billi huwa akkuzat:

1. Nhar l-24 ta' Dicembru 2015 ghall-habta tas-19:15hrs, gewwa Floriana kkommetta serq ta' flus kontanti u / jew affarijiet ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz u bil-hin, u li sar ghad-detriment ta' Joseph Fenech u Matthew Caruana u / jew ta' xi persuna/i ohra;

2. U aktar talli fl-istess cirkostanzi, bla ordni skond il-liġi ta' l-awtorita` kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil Joseph Fenech u Matthew Caruana kontra l-volonta' tagħhom,

liema delitt sar bl-uzu bla jedd taht isem falz, jew b'ordni falz, jew b'ordni falz li jidher bhala mahrug minn awtorita pubblika u / jew bil-hsieb ta' estorsjoni ta' flus jew hwejjeg ohra u / jew sabiex persuna ohra tkun imgieghla taccetta xi trasferiment ta' hwejjigha;

3. Talli nhar id-09 ta' Jannar 2016 ghall-habta tas-18:00hrs, gewwa Floriana kkommetta serq ta' mobile phones u / jew affarijiet ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur li ma jecceddix l-ammont ta' € 2329.37 u bil-hin, u li sar ghad-detriment ta' Jake Inguanez, Layton Bonello u Norton Andy Sultana u / jew ta' xi persuna/i ohra;

4. U aktar talli fl-istess cirkostanzi, bla ordni skond il-liġi ta' l-awtorita` kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil Jake Inguanez, Layton Bonello u Norton Andy Sultana kontra l-volonta' tagħhom, liema delitt sar bl-uzu bla jedd taht isem falz, jew b'ordni falz, jew b'ordni falz li jidher bhala mahrug minn awtorita pubblika u / jew bil-hsieb ta' estorsjoni ta' flus jew hwejjeg ohra u / jew sabiex persuna ohra tkun imgieghla taccetta xi trasferiment ta' hwejjigha;

5. U aktar talli f'xi jum bejn id-09 u t-13 ta' Jannar 2016 xjentement laqa' ghandu jew xtrajt hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat u cioe' mobile phone tal-ghamla LG li l-valur tieghu jeccedi l-ammont ta' € 232.94 izda inqas minn € 2329.37, jew, xjentement, b'kull mod indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

6. Nhar it-12 ta' Jannar 2016 ghal habta tas-1830hrs, gewwa Floriana flimkien ma persuni ohra, kkommetta serq ta' mobile phone, flus kontanti u / jew affarijiet ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, bil-valur li ma jecceddix l-ammont ta' € 2329.37 u bil-hin, u li sar ghad-detriment ta' Katrina Bianco u Job Fritz Willi

Buddenberg ta' nazzjonalita Germaniza u / jew ta' xi persuna/i ohra;

7. U aktar talli fl-istess cirkostanzi, bla ordni skond il-liġi ta' l-awtorita` kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil Katrina Bianco u Job Fritz Willi Buddenberg kontra l-volonta' tagħhom, liema delitt sar flimkien ma offiza fuq il-persuna ta' Job Fritz Willi Buddenberg u / jew theddid bil-mewt u / jew bil-hsieb ta' estorsjoni ta' flus jew hwejjeg ohra u / jew sabiex persuna ohra tkun imgieghla taccetta xi trasferiment ta' hwejjigha;

8. U aktar talli fl-istess cirkostanzi ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Job Fritz Willi Buddenberg liema offiza giet maghmula b'arma regulari, inkella bi strument li jaqta jew iniggez;

9. U aktar talli fil-waqt li kien qed jaghmel reat kontra l-persuna (minbarra omiċidju involantarju jew offiża involantarja fuq il-persuna), jew ta' serq jew ħsara fil-propjeta (minbarra ħsara nvolontarja fil-propjeta) kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma regolari jew munizzjon jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oġġetti;

10. Garr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun minghajr ma kellu licenza jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija;

Akkuzat ukoll talli:

11. Nhar it-03 t'Ottubru 2015 ghal habta tat-1445hrs gewwa Tas-Sliema attakka jew ghamel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienet taġixxi għall-

esekuzzjoni tal-liġi jew ta′ ordni mogħti skont il-liġi mill-awtorità kompetenti;

12. U aktar talli fl-istess cirkostanzi volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli liema ammont ta′ ħsara ma jiskorrix € 23.29 u sar ghad-dannu tal-Korp tal-Pulizija;

13. U aktar talli fl-istess cirkostanzi waqt li kien jinsaghab arrestat, ħarab mill-kustodja tal-persuna jew tal-persuni nkarigati mill-kustodja tiegħu;

14. U aktar talli fl-istess cirkostanzi kkommetta serq ta′ par manetti liema serq ma jecceddix l-ammont ta′ € 232.94, u li sar ghad-detriment tal-Korp tal-Pulizija;

Akkuzat ukoll talli:

15. U aktar talli nhar it-13 ta′ Jannar 2016 ghal habta tat-1445hrs gewwa City Gate Floriana / Valletta, ghamel reżistenza bi vjolenza jew b′ħebb, ta′ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienet taġixxi għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta′ ordni mogħti skont il-liġi mill-awtorità kompetenti;

16. U aktar talli akkwista, kellu fil-pussess tieghu ghal liema ghan ikun, zamm jew importa sustanza irritanti li huma projbiti (pepper spray).

Akkuzat ukoll talli:

17. B'hekk kiser wahda jew iktar mill-kundizzjonijiet imposti fuqu b'digriet ghall-helsien mill-arrest, akkordati lili mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) kif preseduta mill-Magistrat Dr. A. Micallef Trigona LL.D nhar il-31 ta' Dicembru 2014, liema kundizzjonijiet inghatawlu taht garanzija personali ta' €5,000;
18. Kiser wahda jew iktar mill-kundizzjonijiet imposti fuqu b'digriet ghall-helsien mill-arrest, akkordati lili mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) kif preseduta mill-Magistrat Dr. Natasha Galea Sciberras LL.D. nhar is-27 ta' Marzu 2015, liema kundizzjonijiet inghatawlu kontra depozitu ta' €450 oltre garanzija personali ta' €3,000.

Il-Qorti giet gentilment mitluba titratta ma Khaled Mahmoud S. Abulkasem bhala recidiv ta' sentenzi li saru defenittivi u ma jistghux jigu mibdula u dan ai termini ta' Artikolu 49, 50 u 289 ta' Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat:**

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba wara li kkonsulta mal-avukat tal-ghajnuna legali Dr Victor Bugeja li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

L-imputat talab skuza ghal dak li wettaq u ddikjara li jiddispjacih ghall-akkadut.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena fejn kien hemm qbil bejn il-Prosekuzzjoni u d-difiza dwar il-piena.

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur jiddikjara li l-imputazzjonijiet tnejn (2), erbgha (4) u sebgha (7) huma l-mezz ghal-fini tas-serq aggrafat bil-vjolenza u li imputazzjoni numru hamsa (5) hija alternattiva ghal dik numru (3).

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m'ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu.

**Ikkunsidrat;**

Din il-Qorti dwar piena tirrileva u dan b'referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet Ir-**Repubblika ta' Malta v. Rene` sive Nazzareno Micallef** moghtija fit-28 ta' Novembru 2006:

> *"Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu mportanza, fost affarijiet ohra, kemm ir- rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic- cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena."*

Fl-omelija tiegħu, l-Arċisqof Charles J. Scicluna nhar it-Tnejn 3 ta' Ottubru 2016 fil-ftuħ tas-Sena Forensi tkellem dwar il-vittmi ta' reat, li minħabba l-kefrija ta' ħaddieħor, jitneżżgħu mid-dinjità:

> *Intom, fix-xogħol tagħkom - kemm imħallfin, kemm maġistrati, kemm avukati, prokuraturi legali - tiltaqgħu ma' tant sitwazzjonijiet umani - mhux biss fil-kriminal imma anke fiċ-ċivil - fejn in-nies jiġu għall-ġustizzja għax huma vittmi tar-regħba, tal-aggressjoni, tal-vjolenza, tal-kefrija ta' ħaddieħor. Dawn jiġu quddiemkom imneżża mid-dinjità, jitkarrbu biex xi ħadd jagħtihom l-għajnuna.*
>
> *[...]*
>
> *Fis-Sena tal-Ħniena mhux qed nistieden lill-ġudikatura, lill-maġistratura biex ikunu soft, biex ngħidu 'ejjew nagħmlu d-discount', dak il-konfessur jista' jagħmillek d-discount fuq il-penitenza meta tmur tqerr. Inti tuża l-liġi biex il-ġustizzja issir espressjoni tal-ħniena meta qed tagħti lil kull wieħed jew kull waħda dak li ħaqqhom, imma qed taħdem ukoll għar-riabilitazzjoni tal-aggressur u anke tal-vittma. Kultant kritika li ssir lis-sistema tagħna hija li aħna forsi għadna qed niżviluppaw sensibbilità għall-eżiġenzi li jkollhom il-vittmi. Jiena nħobb ninsisti li d-dannu għandu jirriżarċih, jagħmel tajjeb għalih, min jagħmel il-ħsara. U s-soċjetà hija wkoll vittma tal-aggressur imma hemm bżonn ukoll naħdmu għar-riabilitazzjoni ta' min ikun żbalja jew ta' min, minħabba storja trawmatika f'ħajtu, għandu operat jew inkella imġieba antisoċjali li kultant is-sentenzi tagħna ma nafx kemm jgħinuh joħroġ minnha din il-ħaġa, imma forsi jagħmluh iżjed kiefer fl-atteġġjament tiegħu lejn l-oħrajn.*

Ghal finijiet ta' piena, l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri u li jaqbel ghalih u ghas-socjeta' li jinghata piena ta' habs effettiv u jinghata l-attenzjoni medika mehtiega f'dan il-perjodu.

**Decide:**

Ghaldaqstant, il-Qorti, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah piena ta' hames snin u sitt xhur prigunerija u multa komplessiva ta' sitt elef u mitejn ewro (€6,200).

Wara li l-Qorti sabet lill-imputat hati tas-sbatax (17) u t-tmintax (18) –il imputazzjoni, fejn gie akkuzat li kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta` proviżorja maħruġa fil-31 ta' Dicembru 2014 u tas-27 ta' Marzu 2015, tirrevoka l-effetti ta' tali digrieti tal-ħelsien mill-arrest u tordna il-konfiska tas-somma komplessiva ta' tmien'elef ewro (€8,000) mogħtija bħala garanzija mill-ħelsien mill-arrest.

Inoltre a tenur tal-artikolu 412D tal-Kodici Kriminali qieghda tpoggi lill-hati taht Ordni ta' Trattament ghal zmien tlett (3) snin sabiex jinghata l-ghajnuna psikjatrika kollha mehtiega li hija mehtiega u dan stante it-trawma li ghadda minnha fil-konflitt f'pajjizu u ghal dan il-ghand il-Qorti qeghda tahtar lill-Psikjatra Dr Joseph Spiteri biex isegwi lill-hati u li jinforma lill-Qorti kull sitt (6) xhur dwar l-andament tat-trattament.

Finalment, il-Qorti tordna li ai termini ta' l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-atti kollha ta' dawn il-proceduri u kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien sitt ijiem tax-xoghol.

**DR JOSEPH MIFSUD**
**MAGISTRAT**

**Margaret De Battista**
**Deputat Registratur**